# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/947

## tal-15 ta' Ġunju 2015

## li taħtar żewġ membri Portugiżi u membru supplenti Portugiż fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-gvern Portugiż,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Jannar u fil-5 ta' Frar 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet 2015/116/UE [1] u 2015/190/UE [2] li jaħtru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020.

(2) Konsegwentement għat-tmiem tal-mandati tas-Sur Alberto João CARDOSO GONÇALVES JARDIM u s-Sur António Luís DOS SANTOS DA COSTA saru vakanti s-siġġijiet ta' żewġ membri fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(3) Konsegwentement għat-tmiem tal-mandat tas-Sur João CUNHA E SILVA sar vakanti siġġu ta' membru supplenti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Huma b'dan maħturin fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2020:

(a) bħala membri:

— Is-Sur Miguel Filipe MACHADO DE ALBUQUERQUE, *Presidente do Governo Regional da Madeira*

— Is-Sur Fernando MEDINA, *Presidente da Câmara Municipal de Lisboa*

u

(b) bħala membru supplenti:

— Is-Sur Mário Sérgio Quaresma GONÇALVES MARQUES, *Secretário Regional dos Assuntos Parlamentares e Europeus da Madeira*

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-15 ta' Ġunju 2015.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. GERHARDS

[1] ĠU L 20, 27.1.2015, p. 42.
[2] ĠU L 31, 7.2.2015, p. 25.